MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 45/2019 LM

**David Paul Caruana (K.I. numru 53347M)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Direttur Servizzi tal-Kummerċ**
*(l-appellanti)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Servizzi tal-Kummerċ** (minn issa 'l quddiem "l-appellant"), mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar (minn issa 'l quddiem "il-Bord"), fl-24 ta' April, 2019

(minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi:

> "... *il-Bord jilqa' l-appell fis-sens illi, filwaqt illi jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur appellat u jestendi l-ħinijiet tal-liċenzja sal-4.00am, jordna illi fil-ħin ta' bejn is-1.00am u l-4.00am l-appellant m'għandux iservi klijenti fuq barra tal-ħanut u m'għandux iżomm il-*bar stools *barra, u mill-bqija għandu josserva skrupolożament il-kundizzjonijiet l-oħra tal-liċenzja eżistenti kif ukoll id-dettami tal-liġi l-iktar fis-sens illi jassikura ruħu li wara l-11.00pm il-mużika ma tkunx ta' volum li tista' tinstema' mir-residenti sovrastanti u li kemm jista' jkun il-bieb ta' barra tal-ħanut għandu jinżamm magħluq u li jassikura ruħu wkoll illi l-ebda persuna fuq barra tal-ħanut ma joħolqu inkonvenjent."*

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent huwa l-*licensee* tal-istabbiliment bl-isem 'Carcass The City Bar', ġewwa Strada Stretta, il-Belt Valletta, b'liċenzja li tippermettilu jiftaħ l-istabbiliment tiegħu sas-siegħa ta' filgħodu. Din il-liċenzja ngħatat lir-rikorrent mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Ir-rikorrent għamel talba lid-Direttur intimat sabiex ikun hemm estensjoni tal-ħin tal-ftuħ tan-negozju tiegħu, iżda fis-7 ta' Jannar, 2019, ir-rikorrent kien ġie infurmat mill-intimat li din it-talba kienet qiegħda tiġi miċħuda wara li kien hemm l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija għal dan. Ir-raġuni li ngħata r-rikorrent kienet li l-fond inkwistjoni mhux maħsub biex ikun post tad-divertiment, u bl-attività tiegħu r-rikorrent qiegħed jiġġenera ħafna storbju għar-residenti li jgħixu fl-inħawi.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni u intavola appell minnha. Fl-appell tiegħu lill-Bord, ir-rikorrent talab li l-Bord jassigura li l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija daħlet entro t-terminu stabbilit mil-liġi, filwaqt li qal li mhux minnu li l-ħanut inkwistjoni mhux qiegħed f'żona ta' divertiment, għaliex fl-istess inħawi hemm numru ta' *bars* oħra joperaw. Ir-rikorrent sostna li mhux minnu li l-ħanut tiegħu qiegħed jiġġenera storbju li qiegħed idejjaq lir-residenti fl-inħawi, u qal li l-istorbju ġej minn ħwienet oħra li għandhom permess li jibqgħu joperaw sal-erbgħa ta' filgħodu. Qal li l-ħanut tiegħu huwa mgħammar b'sistema ta' *soundproofing,* u għalhekk mhux minnu li bl-operat tiegħu huwa qiegħed idejjaq lir-residenti l-oħra fl-inħawi. Ir-rikorrent sostna wkoll li ladarba ħwienet oħra fl-istess akkwati ngħataw permess biex jibqgħu miftuħin sas-sigħat bikrin ta' filgħodu, ma jkunx ġust li huwa jibqa' ppreġudikat billi jkollu jagħlaq fis-siegħa ta' filgħodu. Ir-rikorrent sostna li ladarba ħwienet oħra fl-istess triq ingħataw estensjoni fil-ħin, din id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront tiegħu hija diskriminatorja u abbużiva.

4. L-intimat wieġeb li l-allegazzjonijiet li qegħdin isiru fil-konfront tiegħu mir-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li d-deċiżjoni tiegħu hija bbażata fuq ir-Regolament 6(2) u (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08 "Regolamenti dwar il-Ftuħ tan-Negozji". L-intimat spjega li wara li kien irċieva l-applikazzjoni tar-rikorrent, huwa kien ikkonsulta mal-Awtorità ta' Malta dwar

it-Turiżmu u talab ukoll l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, u fit-2 ta' Jannar, 2019, is-Supretendent Maria Stella Attard mid-distrett tal-Belt kienet oġġezzjonat għall-għoti ta' estensjoni tal-ħinijiet tar-rikorrent peress li kien hemm diversi ilmenti mingħand ir-residenti tal-inħawi rigward storbju li qiegħed jiġi ġġenerat. L-intimat spjega li kien minħabba din l-oġġezzjoni li huwa rrifjuta li jagħti din l-estensjoni, u r-rifjut ġie kkomunikat lir-rikorrent permezz ta' ittra mibgħuta lilu fis-7 ta' Jannar, 2019. L-intimat spjega li ladarba jkun hemm l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, huwa bħala Direttur tas-Servizzi Kummerċjali ma jkollu l-ebda diskrezzjoni x'jeżerċita dwar il-kwistjoni. Qal li meta jkun hemm oġġezzjoni tal-Pulizija, jsegwi li l-applikazzjoni għall-estensjoni fil-ħinijiet tiġi rifjutata, kif ġara f'dan il-każ.

5. Il-Bord sema' diversi xhieda fosthom lil **Gordon Camenzuli**, sostitut tar-rikorrent fil-liċenzja tal-bar, li qal li l-fond inkwistjoni huwa *bar* bil-ħinijiet tal-ftuħ stabbiliti bejn is-sitta ta' filgħaxija u s-siegħa ta' filgħodu. Qal li l-ħanut għandu erba' *bar stools* fuq barra, u barra m'għandu l-ebda sistema tas-*sound,* filwaqt li ġewwa sar kollu bis-*soundproofing.* Xhud ieħor, **David Zammit**, inġinier u direttur ta' kumpannija bl-isem ta' 'Black Box', spjega li huwa għamel diversi testijiet fir-residenzi fl-inħawi tal-ħanut inkwistjoni, u minkejja li fil-bidu kien sab li hemm *base* qawwija, huwa kien ta parir lir-rikorrent dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni li jistgħu jittieħdu minnu sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti u l-istorbju fl-inħawi. Intqal li mit-testijiet li saru, sussegwentement ġie stabbilit li fl-inħawi ma kienx għad hemm vibrazzjonijiet u damdim, u l-

istorbju fit-triq ġej mill-istabbilimenti tal-madwar. Il-Bord sema' wkoll ix-xhieda ta' diversi uffiċjali tal-Pulizija, fosthom lis-**Supretendent Maria Stella Attard**, li spjegat li l-*bar* inkwistjoni fetaħ il-bibien tiegħu f'Diċembru tal-2017, u l-ilmenti mir-residenti fl-inħawi bdew f'Novembru tal-2018. Hija spjegat li dawn l-ilmenti kienu prinċipalment minħabba l-mużika u l-fastidju min-nies li kienu jinġemgħu fuq barra fit-triq. **Paul Mangion**, resident fil-binja fejn jinsab il-*bar* inkwistjoni, u amministratur tal-blokka, spjega li kull darba li ssir laqgħa għar-residenti, jitqajjem ilment dwar l-istorbju fl-inħawi. Dan ix-xhud spjega li t-triq inkwistjoni hija waħda dejqa, bil-ħoss jirbombja. Ix-xhud qal li huwa għamel gallerija bis-*soundproofing* fir-residenza tiegħu bi spiża konsiderevoli, iżda xorta waħda baqa' jisma' l-istorbju. Id-Direttur għas-Servizzi tal-Kummerċ, **Brian Montebello** xehed li huwa kien irrefera t-talba għall-estensjoni tal-ħin lill-Kummissarju tal-Pulizija, u l-Pulizija oġġezzjonaw għal din l-estensjoni minħabba f'għadd ta' lmenti li kien hemm fir-rigward ta' dan il-*bar* partikolari. Ix-xhud qal li f'każijiet bħal dawn huwa m'għandu l-ebda diskrezzjoni jawtorizza l-estensjoni meta l-Kummissarju tal-Pulizija jkun oġġezzjona dwar dan. Qal li r-Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08 jobbligah jirrifjuta applikazzjoni għall-estensjoni tal-ħin kummerċjali meta l-Kummissarju tal-Pulizija jkun oġġezzjona għal tali estensjoni fiż-żmien stipulat għal hekk.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

6. Ir-rikorrent ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu għall-estensjoni tal-ħin tal-ftuħ kienet ġiet rifjutata permezz ta' ittra mibgħuta lilu fis-7 ta' Jannar, 2019, u r-rikorrent ressaq appell minn din id-deċiżjoni *ai termini* tal-artikolu 36 tar-Regolamenti. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' April, 2019, il-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar iddeċieda li għandu jilqa' l-appell intavolat mir-rikorrenti, b'xi restrizzjonijiet, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi in suċċint, l-aggravji tal-appellant huma li ż-żona in kwistjoni hija waħda ta' divertiment, hemm numru ta' stabbilimenti fl-istess triq u viċin li ngħataw estensjoni sal-erbgħa ta' filgħodu, mhux minnu li l-ħanut in kwistjoni qed jikkawża inkonvenjent lir-residenti tant illi huwa ħa anke miżuri ta'* soundproofing.
>
> *Illi l-Bord żamm erba' seduti u ċioe fil-11 ta' Frar 2019, fil-21 ta' Frar 2019, fl-20 ta' Marzu 2019, u t-3 ta' April 2019.*
>
> *Illi fis-seduta tal-11 ta' Frar 2019 xehed Gordon Camenzuli li spjega li l-fond in kwistjoni huwa bar li l-ħinijiet tal-ftuħ tiegħu huma mis-6pm sas-1am, għandu erba'* bar stools *barra però sistema ta'* sound *barra m'għandux. Skont dan ix-xhud hemm residenta li jkollha problemi ma' kulħadd. Sar* soundproofing *fuq ġewwa tal-ħanut f'Ottubru. Bdew joperaw fil-15 ta' Diċembru 2017. Xehed ukoll David Zammit, inġinier u direttur ta' Black Box. Dan għamel testijiet ta'* sound *fir-residenzi fuq il-ħanut, irriżultalu li hemm abbundanza qawwija ta'* base *u spjega x'miżuri ttieħdu biex tissolva l-problema. Mit-testijiet sussegwenti rriżultalu li fir-residenzi ta' fuq il-vibrazzjoni m'għadhiex hemm u l-*loudness *m'għadhiex hemm lanqas. Hemm biss storbju mit-triq minħabba li t-triq tamplifika s-*sound *'il fuq. Spjega li l-ħoss ġej mill-inħawi tal-madwar.*
>
> *Illi s-Supretendent Maria Stella Attard xehdet illi Carcass ilu miftuħ minn Diċembru 2018 u r-rapporti bdew minn Novembru 2018. L-ilmenti kienu anonimi. F'Diċembru irċeviet email mill-Assistent Kummissarju Mallia fejn infurmaha li kien irċieva email*

*mingħand ċertu Sinjura Busuttil. Din intalbet tmur l-għassa però kienet indisposta u baqgħet ma marritx. Marret persuna oħra Pauline Busuttil u ilmentat mas-Supretendent Attard li huma joqogħdu fit-tielet sular fil-viċin u kien hemm xi żgħażagħ li bdew jgħajtu. Però ma kienx ċar Carcass kienx miftuħ jew le. PS 728 Brandon Borg xehed dwar rapport li daħallu b'telefonata nhar il-5 ta' Jannar 2019 fit-3.00am. L-ilment kien anonimu u meta mar fuq il-post u sab lil ċertu Camenzuli li kkoopera miegħu u għalaq il-ħanut. PC 1134 Daniel Agius xehed fuq rapport tal-5 ta' Frar minn residenta Berta Busuttil fejn qalet li ġiet insultata però ma setax jgħid jekk il-ħanut in kwistjoni kienx miftuħ. Xehdet ukoll l-Ispettur Priscilla Caruana Lee li xehdet li għaddiet rapport lis-Supretendent Attard dwar diversi rapporti mill-ġirien dwar mużika u* nuisance *min-nies li jkunu barra.*

*Illi fil-21 ta' Frar 2019 xehed David Caruana, il-*licensee *li xehed illi dan huwa ħanut tal-familja. Fil-viċin hemm il-Gin Bar-Yard 32, Tico Tico u Loop Bar li għandhom permess sal-4.00am.*

*Illi fit-3 ta' April 2019 xehed l-Ispettur Jeffrey Scicluna li esebixxa żewġ rapporti u sentenza u l-Assistent Kummissarju Stephen Mallia li spjega li Bertha Busuttil u ommha huma residenti il-Belt u taffetwahom is-sitwazzjoni tal-barijiet u ristoranti fil-Belt. Dwar Carcass kien jirċievi* emails *mingħand Busuttil dwar storbju. Dan kellem lil David Caruana ta' Carcass u ġabu konxju li fuqu hemm ir-residenti. Fl-istess seduta xehdu wkoll Paul Mangion, Carmen Mangion, Berta Busuttil u Pauline Busuttil ilkoll residenti iktar 'il fuq però fil-viċinanzi tal-bar in kwistjoni. Paul Mangion jgħix 20 metru bogħod però fil-5 sular u hu amministratur tal-blokka. Fil-*meetings *dejjem tqum din l-*issue *tal-Carcass. Il-problemi huma il-mużika għadha tinstema' bil-lejl u n-nies fit-triq jagħmlu storbju u dan jirbombja. Carmen Mangion tgħix fl-istess blokka u xehdet li bil-lejl ma tistax torqod minħabba l-mużika u minħabba l-istorbju l-ħoss jidħol xorta. Berta Busuttil xehdet li ddejjaqha mużika għolja sa tard bil-lejl. Bil-bieb magħluq tinstema' inqas milli bil-bieb miftuħ però n-nies tidħol u toħroġ. Spiss ikun hemm nies barra jkantaw. Pauline Busttil xehdet illi jdejquha l-mużika u l-għajjat tan-nies. Ġew esebiti filmati li jidher li nġibdu mir-residenti ta' fuq il-lokal li juru l-istorbju li jagħmlu n-nies meta jkunu fit-triq barra l-ħanut.*

*Ikkonsidra:*

*Illi d-diffikultà f'dawn il-każijiet dejjem tinħoloq biex jinstab bilanċ bejn id-drittijiet tar-residenti għall-kwiet u l-mistrieħ tagħhom minn banda waħda, u d-drittijiet tan-*

*negozjanti min-naħa l-oħra li jkunu għamlu investiment sostanzjali u jkunu jridu li tali investiment irendi. Hemm ukoll mill-banda l-oħra n-neċessità li jkollok postijiet ta' divertiment li huma essenzjali kemm għall-benefiċċju tas-soċjetà in ġenerali kif ukoll biex tissaħħaħ l-industrija tat-turiżmu. Il-Belt Valletta toħloq diffikultà akbar minħabba d-diversità tagħha fejn, filwaqt li għadha żona residenzjali però fl-istess ħin, mal-mogħdija taż-żmien qiegħda dejjem issir aktar ċentru ta' divertiment. Sa ftit snin ilu wara s-7.00pm kienu jagħlqu l-ħwienet kollha u l-Belt kienet tkun mejta mentri llum il-ġurnata s-sitwazzjoni hija ferm differenti.*

*Illi kif tenna dan il-Bord fid-deċiżjoni għall-appell fl-ismijiet* ***Clint Debono vs Direttur Servizzi tal-Kummerċ*** *li kien jikkonċerna l-ħanut La Bottega fi Triq Merkanti, dan il-Bord ma jistax ma jagħmilx distinzjoni bejn iż-żona fi Strada Stretta, fejn din it-triq qiegħda ssir żona b'konċentrazzjoni qawwija ta' barijiet u ristoranti kważi wieħed fejn wieħed u żoni oħra fil-Belt li huma iktar assoċjati ma' residenzi u tipi differenti ta' negozji. Apparti minn hekk dan il-Bord ma jistax jinjora l-fatt illi, tajjeb jew ħażin, hemm numru sostanzjali ta' ħwienet ġewwa l-Belt li għandhom estensjoni approvata sal-4.00am. Issir referenza b'mod partikolari għal Tico Tico, Yard 32, u Loop Bar li huma lkoll ġo Strada Stretta u huma biss ftit għexieren ta' metri bogħod mill-ħanut* de quo. *Dan il-Bord jifhem il-problema tar-residenti li jgħixu viċin il-fond in kwistjoni u jifhem illi post ta' divertiment viċin djar residenzjali diffiċilment ma joħloqx inkonvenjent. Però mill-banda l-oħra l-Bord ma jistax jiddiskrimina bejn ħanut u ieħor fl-istess triq. Apparti minn hekk il-Bord irid joħloq ċerta uniformità f'dawn id-deċiżjonijiet għaliex altrimenti tinħoloq pożizzjoni legali arbitrarja u inċerta.*

*Illi f'dan il-kuntest issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Grace Borg vs l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***[1] *fejn intqal hekk:*

> "Illi l-appell odjern huwa fis-sens li kienet l-Awtorità stess li ħarġet għall-istess inħawi permessi għall-għoli ta' bini ta' tmien sulari, u fil-fatt issemmew żewġ każi, wieħed minnhom addirittura fl-istess triq tal-iżvilupp propost mertu ta' dan l-appell, u fid-dawl ta' dawn il-permessi ġia maħruġa, fuq żewġ fondi separati, permess li ħarġu wkoll fil-perijodu bejn l-eżistenza ta' Skemi Temporanji ta' Żvilupp u l-ħruġ tal-Pjan Lokali, mela allura l-applikazzjoni tal-appellanti għandha tiġi ttrattata bl-istess mod u b'eżitu simili għall-istess, u tkun b'hekk konformi

[1] Deċiża fid-29 ta' Ottubru, 2009 (Appell Ċivili Numru 6/2009).

mal-iżvilupp li hija stess awtorizzat f'dik l-area, u dan peress li b'hekk stabbiliet preċedenti ta' żvilupp, u dan jibqa' jissussisti minkejja dak li jipprovdi l-Pjan Lokali."

*Illi jidher li l-ilmenti tar-residenti huma dwar il-ħoss tal-mużika li tinstema' fil-ħemda tal-lejl fir-residenzi sovrastanti u l-istorbju tan-nies mit-triq. Il-Bord jinnota b'sodisfazzjon li l-problema tal-mużika ġiet indirizzata bis-sistema ta'* soundproofing *li sar mill-appellant. B'danakollu però l-appellant m'għandux iserraħ rasu biss fuq is-*soundproofing *u jħalli l-mużika għolja għaliex kull sistema tas-*soundproofing *għandha l-limitazzjonijiet tagħha. Għandu jassikura ruħu li wara l-11pm il-mużika tkun tali li ma tinstemax mir-residenti. Għar-rigward tal-istorbju tan-nies barra l-ħanut il-Bord qiegħed jiddeċiedi illi wara s-1.00am il-*bar stools *għandhom jiddaħħlu ġewwa biex ma jkunx hemm nies jixorbu u jgħajtu barra l-ħanut u jagħmel rakkomandazzjoni qawwija lill-Kummissarju tal-Pulizija li jieħu miżuri stretti kontra l-pubbliku, ikun fejn ikun, jekk dan jagħmel storbju fil-ħinijiet ta' billejl u li jagħmel rondi frekwenti fi Strada Stretta biex storbju bla bżonn mill-pubbliku li jiddisturba lir-residenti jiġi evitat.*

*Għaldaqstant, meħud in konsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Bord jilqa' l-appell fis-sens illi, filwaqt illi jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur appellat u jestendi l-ħinijiet tal-liċenzja sal-4.00am, jordna illi fil-ħin ta' bejn is-1.00am u l-4.00am l-appellant m'għandux iservi klijenti fuq barra tal-ħanut u m'għandux iżomm il-*bar stools *barra, u mill-bqija għandu josserva skrupulożament il-kundizzjonijiet l-oħra tal-liċenzja eżistenti kif ukoll id-dettami tal-liġi l-aktar fis-sens illi jassikura ruħu illi wara l-11.00pm il-mużika ma tkunx ta' volum li tista' tinstema' mir-residenti sovrastanti u li kemm jista' jkun il-bieb ta' barra tal-ħanut għandu jinżamm magħluq u li jassikura ruħu wkoll illi l-ebda persuna fuq barra tal-ħanut ma joħolqu inkonvenjent."*

## **L-Appell**

7 L-intimat appellant ippreżenta l-appell tiegħu fis-17 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar tal-24 ta' April 2019 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

8. L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata, il-Bord ma mexiex skont il-liġi meta kkonċeda estensjoni fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-*bar* tal-appellat, ladarba l-Bord kellu l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija għal din l-estensjoni. L-appellant sostna li l-Bord ma kellu l-ebda diskrezzjoni x'juża f'dan ir-rigward, u l-oġġezzjoni tal-Pulizija kienet tfisser li l-estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ ma setgħetx tingħata, ladarba rriżulta li l-oġġezzjoni tal-Pulizija daħlet fit-terminu stabbilit, u ladarba l-oġġezzjonijiet tal-Pulizija kienu fondati. L-appellant għamel riferiment għar-Regolament 6(3) tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji (L.S. 441.08), li jistipula li f'każ li jkun hemm oġġezzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien stipulat mil-liġi, dik l-estensjoni għall-ħinijiet tal-ftuħ tan-negozju m'għandhiex tingħata. Intqal li f'dan il-każ l-oġġezzjoni tal-Pulizija għall-estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ hija minħabba l-inkonvenjent li l-ftuħ ta' dan l-istabbiliment qiegħed jikkawża lir-residenti fl-inħawi, u dan wara li diversi residenti li jgħixu fl-istess blokka fejn jinsab l-istabbiliment inkwistjoni xehdu dwar l-istorbju li jkun hemm fl-inħawi fil-ħinijiet ta' billejl. L-appellant żied jgħid li min-naħa tiegħu l-appellat fl-ebda waqt ma kkontradixxa dak li xehdu r-residenti u l-Pulizija, u l-Bord min-naħa tiegħu kkonferma li r-residenti fl-inħawi ressqu diversi ilmenti dwar il-ħsejjes li jinstemgħu mit-triq. L-appellant sostna li ladarba kien hemm oġġezzjoni tal-Pulizija, il-Bord kien prekluż milli jestendi l-ħinijiet tal-ftuħ tal-istabbiliment

inkwistjoni, u dan *ai termini* tar-Regolament 6(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08, li jgħid li f'każ li jkun hemm oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, tali estensjoni m'għandhiex tingħata. F'dan il-każ, u minkejja l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirriżulta li kienet waħda fondata, il-Bord xorta waħda għadda biex jestendi l-ħinijiet tal-ftuħ tal-bar tal-appellat. L-appellant qal li dan sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 6(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08. L-appellant għamel riferiment għall-konsiderazzjoni tal-Bord li fl-istess inħawi kien hemm stabbilimenti oħra li ngħataw estensjoni tal-ħin tal-ftuħ u li għandhom permess jibqgħu miftuħin sal-4.00 ta' filgħodu, u żied jgħid li dan mhux il-forum adattat fejn jitqajmu allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni bejn stabbiliment u ieħor. Kompla jgħid li sabiex tiġi mistħarrġa l-allegazzjoni li kien hemm diskriminazzjoni, wieħed irid iqabbel '*like with like*', u trid issir analiżi dettaljata taċ-ċirkostanzi kollha li fihom ingħatat liċenzja lil stabbilimenti oħra. L-appellant qal ukoll li f'każ li jirriżulta li sar xi żball meta stabbilimenti oħra ngħataw liċenzja jew estensjoni għall-ħinijiet tal-ftuħ, dan l-iżball ma jistax jiġi ssanat billi l-Bord jagħmel żball ieħor u jikkonċedi permess bħal dan f'żona li hija abitata wkoll, partikolarment meta r-residenti tal-inħawi ressqu diversi oġġezzjonijiet.

L-appellat ma ressaq l-ebda tweġiba għar-risposta tal-appell, iżda l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet waqt l-udjenza tal-1 ta' Lulju, 2020.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. L-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li d-deċiżjoni tal-Bord tmur kontra d-dettami tal-liġi, għaliex ladarba tressqet oġġezzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija għall-applikazzjoni tal-appellat, la d-Direttur appellant u lanqas il-Bord ma kellhom jużaw id-diskrezzjoni tagħhom u jikkonċedu estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-*bar* ġestit mill-appellat. L-appell odjern ġie intavolat mid-Direttur għas-Servizzi tal-Kummerċ wara li l-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ iddeċieda li l-appellat jingħata estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-*bar* inkwistjoni. L-appellat diġà huwa kopert b'liċenzja maħruġa mill-Awtorità tat-Turiżmu li permezz tagħha l-*bar* inkwistjoni jista' jibqa' miftuħ sas-siegħa ta' filgħodu, iżda l-appellat ressaq applikazzjoni mal-appellant sabiex jingħata permess jiftaħ il-*bar* sal-erbgħa ta' filgħodu. L-appellant ibbaża l-aggravju tiegħu fuq dak li jipprovdu s-sub-inċiżi (2) u (3) tal-artikolu 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08:

> "6(2) Is-sid jew il-*manager* ta' xi post kummerċjali kif imsemmi hawn qabel, għandu japplika bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ bil-għan li jġib awtorizzazzjoni biex jestendi l-ħin ta' negozju għal dak il-post kummerċjali. Is-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ għandha fi żmien sebat ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi din l-applikazzjoni, tikkonsulta mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta biex tara jekk id-drittijiet rilevanti tal-liċenzja fir-rigward ta' dak il-post kummerċjali humiex imħallsa u għandha titlob ukoll l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jiġi estiż il-ħin ta' negozju tal-post kummerċjali. ...
>
> (3) Fil-każ li, matul iż-żmien imsemmi ta' sittin ġurnata l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta tindika li d-drittijiet tal-liċenzja fir-rigward tal-post kummerċjali ma jkunux imħallsa jew fl-eventwalità li l-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien imsemmi

> joġġezzjona għall-estensjoni tal-ħin tan-negozju, dik l-estensjoni ma għandhiex tingħata."

10. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu għat-talba li saret mill-appellat, u ressaq diversi xhieda, fosthom diversi residenti li joqogħdu fl-istess binja li jinsab fiha l-*bar* inkwistjoni, li spjegaw x'tip ta' inkonvenjenzi qegħdin jgħaddu minnhom kemm ilu li fetaħ il-*bar* inkwistjoni biswit ir-residenza tagħhom. Uħud mix-xhieda spjegaw li kellhom jagħmlu spejjeż konsiderevoli fir-residenzi tagħhom sabiex jirrenduhom *sound proof,* oħrajn spjegaw li ħafna drabi kellhom jissejħu l-Pulizija minħabba l-istorbju u l-fastidju li jkun hemm għaddejjin fit-triq quddiem ir-residenzi tagħhom min-nies li jiffrekwentaw il-*bars* tal-inħawi, fosthom dak tal-appellat, u oħrajn spjegaw li jkun hemm drabi fejn billejl ma jkunux jistgħu jieħdu l-mistrieħ tagħhom, minkejja li filgħodu jkollhom iqumu kmieni biex imorru x-xogħol. Jirriżulta li dawn kienu wħud mill-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Kummissarju tal-Pulizija joġġezzjona għall-estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-bar tal-appellat. Id-Direttur appellant spjega li huwa ma kellu l-ebda diskrezzjoni jikkonċedi liċenzja għal estensjoni fil-ħinijiet tal-ftuħ ladarba l-Pulizija ressqet l-oġġezzjonijiet tagħha u spjegat ir-raġunijiet għalihom. Jirriżulta wkoll li l-Pulizija mhux l-ewwel darba li kellha tmur fl-inħawi titlob lill-appellat jagħlaq l-istabbiliment tiegħu minħabba rapporti li saru mill-ġirien. Dawn kienu wħud mill-konsiderazzjonijiet li minħabba fihom il-Kummissarju tal-Pulizija oġġezzjona għal estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-appellat. Il-Qorti kkonsidrat li d-deċiżjoni tal-Bord, minkejja li hija waħda

raġunata u tpoġġi oneru fuq l-appellat sabiex kemm jista' jkun inaqqas l-inkonvenjent għar-residenti fl-inħawi, hija deċiżjoni li ma tirrispettax id-dettami tal-liġi, u dan għaliex ladarba kien hemm l-oġġezzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija, la d-Direttur appellat u lanqas il-Bord ma kellhom jużaw id-diskrezzjoni tagħhom sabiex imorru kontra l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti semgħet lill-avukat difensur tal-appellat jissottometti li fl-istess triq hemm *bars* oħra li ngħataw permess li jibqgħu miftuħin sas-sigħat bikrin ta' filgħodu, u saret allegazzjoni li l-appellat safa diskriminat bl-oġġezzjonijiet li saru mill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti tirrileva li l-poteri tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ u tad-Direttur appellant huma limitati bil-liġi, u ladarba kien hemm l-oġġezzjoni tal-Pulizija għal estensjoni fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-*bar,* il-kwistjoni dwar l-estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-bar kellha tieqaf hemm. F'każ li l-appellat jidhirlu li safa diskriminat minħabba li stabbilimenti oħra fl-istess triq ingħataw permess jibqgħu miftuħin, irid jagħraf iressaq dan l-ilment tiegħu fil-forum adattat, iżda ċertament li din il-Qorti mhijiex il-forum kompetenti biex tisma' lanjanzi dwar diskriminazzjoni li qiegħed jallega li sofra l-appellat. Dak li jirriżulta lil din il-Qorti huwa li ladarba kien hemm l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Bord seta' japprezza mix-xhieda li tressqu quddiemu din l-oġġezzjoni għalfejn ingħatat, il-Bord ma setax imur kontra l-ispirtu ta' dik l-oġġezzjoni u jiddeċiedi favur l-estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-istabbiliment inkwistjoni. Għaldaqstant tqis li l-aggravju mressaq mill-appellant huwa mistħoqq u qiegħda tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqa' l-aggravju tal-appellant u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**